1157.	Mikhail Evgenievich MIZINTSEV (Bir-Russu: Михаил Евгеньевич МИЗИНЦЕВ)	Kap ta' National Defense Control Center tal- Federazzjoni Russa, Kurunell Ġeneral Data tat-twelid: 10.9.1962 Post tat-twelid: Averinskaya, Syamzhensky district, Vologda region Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Il-Kurunell Ġeneral Mikhail Mizintsev huwa l-Kap ta' National Defense Control Center tal-Federazzjoni Russa. Mizintsev għandu l-laqam tal-"Biċċier ta' Mariupol" u huwa identifikat bħala l-kmandant li ssorvelja l-assedju ta' Mariupol, fejn uża tattiki li ntużaw preċedentement fl-assedju ta' Aleppo, is-Sirja, biex imexxi l-bombardament ta' Mariupol mill-forzi Russi. Mizintsev huwa akkużat b'mod partikolari li mexxa l-bombardamenti tal-belt ta' Mariupol, fejn inqatlu eluf ta' persuni ċivili, inkluż il-bombardament tal-isptar tal-maternità ta' Mariupol u ta' teatru, fejn inqatlu mijiet ta' tfal. Għaldaqstant, Mikhail Mizintsev huwa persuna fiżika responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovrani- tà u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	3.6.2022
1158..	Elizaveta Dmitrievna PESKOVA (Bir-Russu: Елизавета Дмитриевна ПЕСКОВА)	Viċi President tal-Foundation for the Development of Russian – French Historical Initiatives Data tat-twelid: 9.1.1998 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazjonalità: Russa Sess: mara Individwu/i assoċjat(i): Dmitry Peskov (missier)	Elizaveta Peskova hija bint Dmitry Peskov, segretarju tal-istampa tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, li ġie elenkat skont id-Deċiżjoni 2014/ 145/PESK. Elizaveta Peskova hija l-Viċi President tal-Foundation for the Development of Russian – French Historical Initiatives u l-fundatriċi ta' kumpannija tal- komunikazzjoni. Hija akkwistat dawn il-pożizzjonijiet li jħallu l-qlich u qed tgħix stil ta' ħajja lussuża grazzi għall-konnessjonijiet ta' missierha. Għaldaqstant, hija assoċjata ma' persuna elenkata li b'mod attiv appoġġat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovrani- tà u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1159.	Nikolay Dmitrievich PESKOV (magħruf ukoll bħala Nikolay Dmitrievich CHOLE/CHOULZ) (Bir-Russu: Николай Дмитриевич ПЕСКОВ) (magħruf ukoll bħala Николай Дмитриевич ЧОУЛЗ)	Data tat-twelid: 3.2.1990 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazżjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 721123760 Data tal-ħruġ: 12.09.2012 Data tal-iskadenza: 12.09.2022 Nru tal-Identità nazżjonali: 4516913332 Individwi assoċjati: Dmitry Peskov (missier)	Nikolay Peskov huwa bin Dmitry Peskov, segretarju tal-istampa tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, li ġie elenkat skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Nikolay Peskov juża r-rikkezza u l-flus ta' missieru, u għalhekk jibbenefika direttament mill-konnessjoni mill-qrib ma' missieru. Għaldaqstant, huwa assoċjat ma' persuna elenkata li b'mod attiv qed jappoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022
1160.	Tatiana Aleksandrovna NAVKA (Bir-Russu: Татьяна Александровна НАВКА)	Data tat-twelid: 13.4.1975 Post tat-twelid: Ukrajna Nazżjonalità: Russa Sess: mara	Tatiana Navka hija mart Dmitriy Peskov, segretarju tal-istampa tal-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, li ġie elenkat skont id-Deċiżjoni 2014/145/PESK. Tatiana Navka hija koproprietarja ta' kumpannija u ta' proprjetà li tinsab, fost l-oħrajn, fil-penisola tal-Krimea, annessa illegalment mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk hija qed tappoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' persuna elenkata li appoġġat b'mod attiv azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1161.	Sergey Vladimirovich SAVOSTYANOV (Bir-Russu: Сергей Владимирович САВОСТЬЯНОВ)	Membru tad-Duma tal-Belt ta' Moska. Data tat-twelid: 22.8.1984 Post tat-twelid: Lyubertsy, Moscow region, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Savostyanov huwa statista u politiku tar-Russja. Ġie elett deputat tad-Duma tal-belt ta' Moska fit-8 ta' Settembru 2019. Billi jiċħad l-integrità territorjali ta' pajjiżi indipendenti u jippromwovi r-restawr tal-konfini tal-ex Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi, huwa jappoġġa pubblikament l-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal, li jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	3.6.2022
1162.	Andrei Yurievich LIPOV (Bir-Russu: Андрей Юрьевич ЛИПОВ)	Kap ta' Russian Federal Service for Supervision of Communications, Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor) Data tat-twelid: 23.11.1969 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrei Lipov huwa l-kap ta' Russian Federal Service for Supervision of Communications, Information Technology and Mass Media (Roskomnadzor). Roskomnadzor huwa strument ċentrali fl-eżekuzzjoni ta' ċensura u r-repressjoni ta' media ħielsa fir-Russja. Bħala l-kap ta' Roskomnadzor, is-Sur Lipov huwa responsabbli għad-deċiżjonijiet li wasslu għaċ-ċensura u l-għeluq tal-media indipendenti Russa. Dawn l-azzjonijiet ħolqu spazju ta' informazzjoni ċensurat li jippromwovi, jgħin u jiġġustifika l-aggressjoni armata Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, it-tmexxija ts-sur Lipov, Roskomnadzor dgħajfet b'mod attiv l-integrità territorjali tal-Ukrajna permezz tal-appoġġ tagħha għar-reġjuni separatisti fl-Ukrajna, l-hekk imsejħa "repubbliki" fid-Donbas, u b'mod partikolari is-Sur Denis Pushilin, kap tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Għaldaqstant, is-Sur Lipov huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1163.	Volodymyr Vasilyovich SALDO (Bl-Ukren: Володимир Васильович САЛДЬО)	Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Kherson, membru ta' "Salvation Committee for Peace and Order" f'Kherson Ex sindku ta' Kherson (2002– 2012) u ex Membru tal-Parlament (Party of the Regions, 2012–2014). Data tat-twelid: 12.6.1956 Nazjonalità: Ukrena Sess: raġel	Volodymyr Saldo f'Marzu 2022 attenda dimostrazzjoni b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u għalhekk ipparteċipa fil-ħolqien tal-hekk imsejjaħ "Salvation Committee for Peace and Order", organu għall-kollaborazzjoni mal-okkupazzjoni Russa fl-Oblast ta' Kherson. Is-Sur Saldo ta l-appoġġ u ppromwova politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
1164.	Kyrylo Sergiyovich STREMOUSOV (Bl-Ukren: Кирило Сергійович СТРЕМОУСОВ)	President ta' "Salvation Committee for Peace and Order" f'Kherson Data tat-twelid: 1976 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Kyrylo Stremousov f'Marzu 2022 ipparteċipa fil-ħolqien tal-hekk imsejjaħ "Salvation Committee for Peace and Order", organu għall-kollaborazzjoni mal-okkupazzjoni Russa fl-Oblast ta' Kherson. Stremousov ta l-appoġġ u ppromwova politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
1165.	Serhiy Mikolayovich CHEREVKO (Bl-Ukren: Сергій Миколайович ЧЕРЕВКО)	Membru ta' "Salvation Committee for Peace and Order" f'Kherson, ex viċi Sindku ta' Kherson Data tat-twelid: 11.8.1975 Nazjonalità: Ukrena Sess: raġel	Serhiy Cherevko f'Marzu 2022 ipparteċipa fil-ħolqien tal-hekk imsejjaħ "Salvation Committee for Peace and Order", organu għall-kollaborazzjoni mal-okkupazzjoni Russa fl-Oblast ta' Kherson. Cherevko ta l-appoġġ u ppromwova politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
1166.	Tetiana KUZMICH (Bl-Ukren: Тетяна КУЗЬМІЧ)	Membru ta' "Salvation Committee for Peace and Order" f'Kherson. Ex viċi sindku ta' Kherson. President tal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili Russian National Community "Rusich" Data tat-twelid: 10.4.1968 Nazjonalità: Ukrena Sess: mara	Tetiana Kuzmich f'Marzu 2022 ipparteċipat fil-ħolqien tal-hekk imsejjaħ "Salvation Committee for Peace and Order", organu għall-kollaborazzjoni mal-okkupazzjoni Russa fl-Oblast ta' Kherson. Kuzmich tat l-appoġġ u ppromwoviet azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1167.	Galina Viktorivna DANILCHENKO (Bl-Ukren: Галина Вікторівна ДАНІЛЧЕНКО)	Maħtura bħala l-aġent sindku ta' Melitopol mill-forzi ta' okkupazzjoni Russi Data tat-twelid: 1964 Nazjonalità: Ukrena Sess: mara	Galina Danilchenko hija l-aġent sindku tal-belt ta' Melitopol. Fl-4 ta' Marzu 2022, is-sindku leġittimu ta' Melitopol inħataf mill-forzi Russi u hija nħatret biex tissostitwixxi. Barra minn hekk, għamlet diversi dikjarazzjonijiet li fihom appoġġat il-preżenza tar-Russja fil-belt tagħha u appellat lill-popolazzjoni biex ma tirreżistix lill-okkupant. B'hekk, f'din il-kapaċità hija tat appoġġ għal politiki u pprovmoviet oħrajn li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
1168.	Petr AKOPOV (Bir-Russu: Петр АКОПОВ)	Funzjoni: Propagandista Russu: artikolista f'RIA Novosti Data tat-twelid: 07.10.1968 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Petr Akopov huwa propagandista u artikolista Russu f'RIA Novosti, aġenzija tal-aħbarijiet domestika tal-Istat Russu taħt il-kontroll effettiv tal-Istat ta' Rossiya Segodnya. Huwa figura ċentrali fil-propaganda tal-Gvern u kien l-awtur ta' artikli li jiċħdu d-dritt tal-Ukrajna għas-sovranià u jappella għad-'denazifikazzjoni', kif ukoll għal 'de-Ukranizzazzjoni' tal-pajjiż, filwaqt li jippromwovi l-idea li l-Ukrajna għandha tkun parti integrali mir-Russja. Petr Akopov huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġja jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna	3.6.2022
1169.	Timofey Nikolaevich SERGEYTSEV (Bir-Russu: Тимофей Николаевич СЕРГЕЙЦЕВ)	Funzjoni: Propagandista Russu: artikolista f'RIA Novosti Data tat-twelid: 03.11.1963 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Timofey Sergeytsev huwa propagandista u artikolista Russu f'RIA Novosti, aġenzija tal-aħbarijiet domestika tal-Istat Russu taħt il-kontroll effettiv tal-Istat ta' Rossiya Segodnya. Huwa figura ċentrali fil-propaganda tal-Gvern u kien l-awtur ta' artikli li jiċħdu d-dritt tal-Ukrajna għas-sovranià u jappella għad-'denazifikazzjoni', kif ukoll għad-'deukranizzazzjoni' tal-pajjiż, filwaqt li jippromwovi l-idea li l-Ukrajna għandha tkun parti integrali mir-Russja. Timofey Sergeytsev huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġja jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1170.	Victoria NIKIFOROVA (Bir-Russu: Виктория НИКИФОРОВА)	Funzjoni: Propagandista Russu: jaħdem għal RIA Novosti Data tat-twelid: 12.6.1971 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazjonalità: Russa Sess: mara	Victoria Nikiforova hija propagandista u artikolista Russa f'RIA Novosti, aġenzija tal-aħbarijiet domestika tal-Istat Russu taħt il-kontroll effettiv tal-Istat ta' Rossiya Segodnya. Hija figura ċentrali fil-propaganda tal-Gvern u ċaħdet id-dritt tal-Ukrajna li teżisti, kif ukoll il-kapaċità tal-poplu Ukren li jiddeċiedi għalih innifsu. Hija tiddekrivi lill-poplu Ukren bħala "inflwenzati" u "maħtufa" u b'hekk tippromwovi attitudni pożittiva lejn l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Victoria Nikiforova hija għalhekk responsabbli għal, li tappoġġa jew timplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022
1171..	Alina Maratovna KABAEVA (Magħrufa wkoll bħala Alina Maratovna KABAYEVA) (Bir-Russu: Алина Маратовна КАБАЕВА)	Funzjoni: President tal-Bord tad-Diretturi ta' National Media Group (NMG) Data tat-twelid: 12.5.1983 Post tat-twelid: Tashkent, Uzbekistan Nazjonalità: Russa Sess: mara Entitajiet assoċjati: National Media Group (NMG)	Alina Kabaeva hija l-President tal-Bord tad-Diretturi ta' National Media Group (NMG), holding li għandha ishma kbar kważi fil-media federali ewlenija Russa li tirriproduċi l-propaganda tal-Gvern Russu. Hija eks ġinnasta Russa u eks membru tad-Duma tal-Istat. Hija assoċjata mill-qrib mal-President Vladimir Putin. Għalhekk hija responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' persuna elenkata responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u jappoġġa dawn l-azzjonijiet b'mod attiv.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1172.	Aleksandra MELNICHENKO (Serb: Александра МЕЛЬНИЧЕНКО)	Data tat-twelid: 21.4.1977 Post tat-twelid: Belgrade, Serbia Individwu assoċjat: Andrey Igorevich Melnichenko (żewġha) Nazjonalità: Serba, Kroata Sess: mara Numru tal-Passaport: Nru tal-Passaport Kroat 094949450 (data ta' skadenza: 23.12.2023)	Aleksandra Melnichenko hija l-mara ta' Andrey Igorevich Melnichenko, industrijalist Russu li huwa sid tal-produttur ewlieni tal-fertilizzanti EuroChem Group u tal-kumpannija tal-faħam SUEK. Aleksandra Melnichenko tiegħu vantaġġ tajjeb mill-patrimonju u l-benefiċċji mir-rikkezza ta' żewġha. Flimkien miegħu, hija tipossjedi żewġ penthouses b'valur ta' aktar minn 30 miljun dollaru. F'Marzu 2022, Aleksandra Melnichenko ssostitwiet lil żewġha bħala s-sid benefiċjarju ġdid ta' Firstline Trust, ġestita minn Linetrust PTC Ltd, kumpannija li tirrappreżenta s-sid aħħari ta' EuroChem Group. Għalhekk, hija assoċjata ma' negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Andrey Igorevich Melnichenko qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranietà u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	3.6.2022
1173.	Eduard Yurevich KHUDAYNATOV (Эдуард Юрьевич ХУДАЙНАТОВ)	Data tat-twelid: 11.9.1960 Post tat-twelid: Shymkent, USSR (issa l-Kazakistan) Nazjonalità: Russa Numru tal-Passaport: 753296761 (Russu) Sess: raġel	Eduard Yurevich Khudaynatov huwa negozjant Russu involut fis-settur tal-enerġija. Huwa s-sid tal-"Independent Oil and Gas Company" (NOC, JSC Neftegazholding), waħda mill-akbar kumpaniji privati Russi u wieħed mill-produtturi ewlenin taż-żejt, li twettaq il-prospettar, l-esplorazzjoni u l-iżvilupp ta' siti ta' estrazzjoni taż-żejt u tal-gass, ir-raffinar taż-żejt, kif ukoll il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti petroliferi. Fl-2015, id-dħul tal-kumpanija ammonta għal \$2.2 biljun. L-"Independent Oil and Gas Company" f'dawn l-aħħar snin akkwistat ishma sinifikanti f'kumpaniji involuti fis-settur tal-enerġija, flimkien mal-liċenzji ta' estrazzjoni tagħhom, mingħand Rosneft li hija proprjetà tal-Istat. Barra minn hekk, NOC tipparteċipa flimkien ma' Rosneft fil-proġett Vostok Oil. F'dawn l-aħħar ftit snin, Rosneft ħallset ukoll lil Khudaynatov \$9.6 biljun bi tpartit ma' kumpanija li għandha sit ta' estrazzjoni taż-żejt f'Taimyr.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fl-2019, NOC u Rosneft talbu u kisbu mingħand il-President Putin benefiċċji fir-rigward tal-attivitajiet ta' estrazzjoni tagħhom fl-Artiku. Khudaynatov huwa assoċjat mal-oligarch Russu Igor Sechin u l-President Vladimir Putin. Khudaynatov u Sechin ħadmu flimkien f'Rosneft u l-kumpaniji tagħhom qed iwettqu b'mod konġunt attivitajiet ta' negozju fis-settur tal-enerġija. Huwa ħadem fuq l-ewwel kampanja elettorali presidenzjali ta' Putin fl-2000, li mexxa fir-reġjun ta' Tyumen, fejn huwa kien membru reġjonali tad-Duma mill-1997. Huwa rċieva l-Ordni għall-Mertu lejn il-Patria talli "saħħaħ il-pożizzjoni tar-Russja fis-suq dinji tal-enerġija u tejjeb il-prospetti ta' investiment tagħha". Eduard Yurevich Khudaynatov għalhekk huwa negozjant ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa assoċjat ma' persuni elenkati.	
1174.	Pavel Evgenevich PRIGOZHIN (Павел Евгеньевич ПРИГОЖИН)	Data tat-twelid: 1996 Nazzjonalità: Russa Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru: 780103765308 Individwi assoċjati: Yevgeniy Viktorovich Prigozhin (missier), Lyubov Valentinovna Prigozhina (omm), Polina Evgenievna Prigozhina (oġġ) Entitajiet assoċjati: Lakhta Park, Lakhta Park Premium, Lakhta Plaza, Turtrans Sess: raġel	Pavel Prigozhin huwa iben Yevgeniy Prigozhin, negozjant prominenti Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President Putin u l-Ministeru għad-Difiża Russu. Yevgeniy Prigozhin huwa l-fundatur u l-kap mhux uffiċjali tal-Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja responsabbli għall-iskjerament ta' merċenarji fl-Ukrajna. Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpanija li Yevgeniy Prigozhin waqqaf u kellu s-sjeda tagħha sa Novembru 2019, u grupp ta' kumpaniji oħra b'rabtiet miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, ilhom jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża Russu wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Pavel Prigozhin huwa s-sid ta' ħames kumpaniji li preċedentement kienu proprjetà ta' ommu Lyubov Valentinovna Prigozhina: Beta LLC, Turstatus, Lakhta Park Premium LLC, Lakhta Park LLC u Lakhta Plaza LLC. Għaldaqstant huwa assoċjat ma' negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
1175.	Arkady Yurievich VOLOZH (Аркадий Юрьевич ВОЛОЖ)	Funzjoni: kofondatur u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex N.V. Data tat-twelid: 11.2.1964 Post tat-twelid: Atyrau, ir-Repubblika Soċjalista Sovjetika tal-Każakistan, l-USSR (issa l-Każakistan) Nazzjonalità: Russu, Malti Sess: raġel	Arkady Yurievich Volozh huwa negozjant Russu b'interessi kummerċjali fl-IT u t-teknoloġija. Huwa l-fundatur u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex. Yandex hija l-akbar kumpanija tal-Internet fir-Russja, li topera l-aktar magna tat-tiftix popolari tar-Russja. Il-banek Statali Russi bħal Sberbank u VTB huma azzjonisti u investituri f'Yandex. Fl-2019, Yandex aċċettat ristrutturar li ta "sehem tad-deheb" lil Fondazzjoni ta' Interess Pubbliku li kien għadha kemm ġiet iffurmata bil-għan li "tiddefendi l-interessi tal-Federazzjoni Russa". Permezz tal-Fondazzjoni ta' Interess Pubbliku, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa jista' jkollu veto fuq lista definita ta' kwistjonijiet, bħall-bejgħ ta' IP materjali u l-bejgħ jew it-trasferiment ta' data personali tal-utenti Russi lil kumpaniji barranin, li t-tnejn li huma jitqiesu li jaffettwaw l- "interess nazzjonali" tar-Russja. Yandex hija responsabbli wkoll għall-promozzjoni tal-media u n-narrattivi tal-Istat fir-riżultati tat-tiftix tagħha, u għad-deklassifikazzjoni u t-tneħħija tal-kontenut li jikkritika lill-Kremlin, bħall-kontenut relatat mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Volozh huwa negozjant ewlieni involut fis-setturi ekonomiċi li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, bħala fundatur u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Yandex, huwa qed jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranietà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022";

2. ENTITAJIET

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
84.	JSC GARNIZON (Bir-Russu: АО Гарнизон)	Indirizz: Kosmodamianskaya Naberezhnaya 24, Moscow, Russia 115035; building 1. Indirizz postali: Sadovnicheskaya 53, Moscow, Russia 115035 Telefon: + 7 (499) 790-92-12 Sit web: http://ao-garnizon.ru Indirizz elettroniku: info@ao-garnizon.ru	JSC Garnizon hija kumpannija azzjonarja taħt il-kontroll tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. L-istruttura tagħha tinkludi aktar minn 60 entità. Hija twettaq il-kompiti stabbiliti mill-Ministeru għad-Difiża u tħares l-interessi tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija tagħxi bħala awtorità kontraenti f'offerta pubbliċi fl-interessi tal-Ministeru għad-Difiża. Għalhekk, hija persuna ġuridika li tappoġġa materjalment jew finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022
85.	JSC OBOONENERGO (Bir-Russu: АО Оборонэнерго)	Indirizz: 107140, Moscow, 1st Krasnoselsky lane, 11, Russia Telefon: + 7 (495) 532-13-06 Sit web: https://oboronenergo.su Indirizz elettroniku: info@oen.su	JSC Oboronenergo hija fornitur militari tal-enerġija li taħt kuntratti tal-gvern tipprovdi servizzi ta' provvista tal-elettriku lil unitajiet militari Russi u lil entitajiet oħra taħt il-kontroll tal-Ministeru għad-Difiża. Hija ħadet sehem fil-modernizzazzjoni tal-bażi tal-ajru militari f'Korenovsk, li ntużat mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa biex tniedi attakki fuq objettivi li kienu jinsabu fl-Ukrajna matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk hija appoġġat materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija appoġġat ukoll materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
86.	OJSC Ulyanovsk Automobile Plant (UAZ) (Bir-Russu: ООО "Ульяновский автомобильный завод" (УАЗ))	Indirizz: Moskovskoye Shosse, 92, Ulyanovsk, Ulyanovsk Oblast, 432008 Telefon: + 7 (8422) 40-91-09 Sit web: https://uaz.global/ Indirizz elettroniku: mm.medvedev@dnd.team	UAZ hija manifattur tal-karozzi Russu. Hija tipprovdi lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa b'vetturi UAZ Patriot li ntużaw mill-armata Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. Għalhekk hija tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija responsabbli talli appoġġa materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
87.	JSC VOENTELECOM (VOYENTELEKOM) (Bir-Russu: АО "Воентелеком")	Indirizz: 107014, Russia, Moscow, st. Bolshaya Olenya, 15A, building 1 Telefon: +7 (495) 609-50-05, +7 (985) 900-50-05 Sit web: https://voentelcom.ru Indirizz elettroniku: info@voentelcom.ru	Voentelcom hija l-fornitur ewlieni ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni għall-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Il-gvern Russu rrikonoxxa lil Voentelcom bħala kumpannija ta' importanza federali. Hija twettaq manutenzjoni u tiswijiet fuq l-infrastruttura tal-IT, tagħmir ta' telekomunikazzjonijiet militari, linji ta' komunikazzjoni u tagħmir għall-gwerra elettronika tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, inkluż fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment. Hija żviluppat sistema ta' komunikazzjoni diġitali, awtomatizzata u unifikata għall-armata Russa. Hija pprovdi lill-Forza Navali Russa b'komunikazzjoni broadband bir-radju, inkluż fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment. Voentelcom ikkooperat ma' Rostec fl-iżvilupp tal-istandard LTE fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment. Għalhekk hija appoġġa materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija appoġġa ukoll materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
88.	JSC VOENTORG (Bir-Russu: AO "Военторг")	Indirizz: Russia, Moscow, 115035, Sadovnicheskaya st., 55/26, building 3 Telefon: +7 (495) 609-5200 Sit web: http://www.oaovoentorg.ru Indirizz elettroniku: info@oaovoentorg.ru Entitajiet assoċjati: kumpanniji subordinati: JSC "Voentorg-West"; JSC "Voentorg-South"; JSC "Voentorg-Center"; JSC "Voentorg-Vostok"; JSC "Voentorg-Moscow"; Voentorg-Retail LLC	Voentorg hija kuntrattur tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija tipprovdi servizzi ta' catering u ta' ħasil tal-ħwejjeġ, kif ukoll uniformijiet militari lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, il-kumpannija sussidjarja ta' Voentorg, Voentorg Retail, biegħet T-shirts bis-simbolu militari "Z", li ntuża mill-propagandisti Russi biex tippromwovi l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk hija qed tappoġġa, materjalment jew finanzzarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija tappoġġa wkoll, materjalment jew finanzzarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
89.	VOENTEKSTILPROM LLC (Bir-Russu: ООО ВоенТекстильПром)	Indirizz: 115446, Moscow, Kolomensky proezd, 13a, Russia Telefon: 8-499-444-32-84; Fax: 8-499-611-90-46 Sit web: https://voentekstilprom.ru/ Indirizz elettroniku: office@vtpmsk.ru	Voentekstilprom timmanifattura ħwejjeġ għall-ħtiġijiet tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Hija tat provvisti ta' ħwejjeġ lill-forza militari Russa bħala parti minn ordni ta' difiża tal-istat. Hija timmanifattura uniformijiet ta' fuq il-post tal-ġlied għall-Gwardja Nazzjonali tar-Russja u qomos għas-soldati tal-Forza Navali Russa u tal-Gwardja Nazzjonali tar-Russja. Għalhekk hija persuna ġuridika li tappoġġa, materjalment jew finanzzarjament, jew li tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
90.	INDEPENDENT INSURANCE GROUP (Bir-Russu: СК НЕЗАВИСИМАЯ СТРАХОВАЯ ГРУППА)	Indirizz: Vspolnii Pereulok 18, bldg. 2, Moscow, 123001 Telefon: +7 (495) 926-72-70; 788-81-19 Fax: + 7 (495) 788-81-16 Sit web: www.nsg-ins.ru Indirizz elettroniku: info@nsg-ins.ru	Independent Insurance Group Ltd hija impriża tal-assigurazzjoni ta' kumpanniji tal-industrija tad-difiża Russa. Hija inkuża fuq il-lista ta' impriżi tal-assigurazzjoni li jagħtu servizzi tal-assigurazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' merkanzija militari. Hija tikkoopera ma' kumpanniji tal-Istat Russu u tagħtihom assigurazzjoni, speċjalment dawk fis-settur militari u tad-difiża. Independent Insurance Group Ltd hija l-impriża ta' assigurazzjoni kontra r-riskju ewlenija ta' Rostec, il-konglomerat tad-difiża tal-Istat Russu. Il-kumpannija hija waħda mill-isponsors u l-parteċipanti tal-Forum Militari-Tekniku Internazzjonali "Army2022", organizzat mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija tappoġġa wkoll, materjalment jew finanzjarjament, jew tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022
91.	PJSC KAMAZ alias KAMAZ PTC (Bir-Russu: "ПАО КАМАЗ")	Indirizz: Avtozavodskiy Prospekt, 2, Naberezhnye Chelny, Respublika Tatarstan, 423827 Telefon: + 7 (800) 555-00-99 Sit web: https://kamaz.ru/en Indirizz elettroniku: callcentre@kamaz.ru	KAMAZ hija żviluppatur u manifattur Russu ta' vetturi u tagħmir militari. Hija pproduċiet il-vetturi KAMAZ-5350, KAMAZ-6350, KAMAZ 6560 li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
92.	JSC KRONSHADT TEKHNologii Group of Companies (Bir-Russu: Кронштадт- технологии группа компаний АО)	Indirizz: 115432, Moscow, Andropov Ave., 18, bldg. 9, Descartes Business Center, Russia / 199178, St. Petersburg, Maly prospekt Vasilievsky island, 54/4 Telefon: +7 (495) 748-35-77, +7 (495) 230-00-36 (Moscow); +7 (812) 449-90-90 (St. Petersburg) Sit web: https://kronshtadt.ru Indirizz elettroniku: uav@kronshtadt.ru ; office@kronshtadt.ru	JSC Kronshtadt Tekhnologii hija kuntrattur militari Russu li jiżviluppa u jimmanifattura tagħmir, software u soluzzjonijiet integrati għal vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi tal- ajru mingħajr bdot abbord Orion, manifatturati minn Kronshtadt Tekhnologii matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
93.	Management Company Tatneft-Neftekhim LLC (Bir-Russu: ООО УК Татнефть-Нефтехим)	Indirizz: 423580, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk-10, PO Box 1, AIK-24, Russia Telefon: +7(8555) 49-73-42, +7(8555) 49-75-86, Fax: + 7(8555) 49-75-86 Sit web: www.neftehim.tatneft.ru Indirizz elettroniku: nhk@tnnh.tatneft.ru Entitajiet assoċjati: JSC Nizhnekamskshina; LLC Nizhnekamsk Truck Tyre Factory; Nizhnekamsk SSC Tyre Factory; JSC Nizhnekamsktekhuglerod; JSC Nizhnekamsk Mechanical Plant); TD "Kama" Trading House; LLC "Kama" Scientific & Technical Center; LLC TATNEFT-Neftekhimsnab; JSC Yarpolimer mash-Tatneft; LLC Energoshinservis	Management Company Tatneft-Neftekhim timmaniġġa u tikkoordina l-kumpanniji tat-tajers subordinati ta' Tatneft, li jinkludu TD KAMA, Nizhnekamskshina u Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant. Hija tgħaqqad flimkien l-intrapriżi kollha relatati man-negozju tat-tajers ta' Tatneft, u timmaniġġa l-produzzjoni, il-proċessi tal-ippjanar, l-operazzjonijiet kummerċjali, ir-riżorsi umani u r-relazzjonijiet pubbliċi tagħhom. TD KAMA, id-distributur ġenerali tal-prodotti kummerċjali tat-tajers ta' Tatneft, tforni tajers lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u lill-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Nizhnekamskshina timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-prodotti ta' Nizhnekamsk All- Steel Tyre Plant jinkludu t-tajers KAMA NU402 li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta' mobilità tal-infanterija Tigr li jgħorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon- VDV, vetturi ta' mobilità tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar- Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal- Krimja u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
94.	Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant, LLC (Bir-Russu: ООО Нижнекамский завод грузовых шин)	Indirizz: 423580, Nizhnekamsk, industrial zone, Republic of Tatarstan, Russia Telefon: +7 (8555) 49-73-40 Sit web: https://cmk.tatneft.ru/?lang=ru Indirizz elettroniku: nkastp@tatneft.ru Entitajiet assoċjati: Tatneft Trading House KAMA Management Company Tatneft-Neftekhim Nizhnekamskshina	Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant tipproduċi tajers magħmulin għalkollox mill-azzar. Hija kumpannija subordinata ta' Tatneft. Il-prodotti tagħha jiġu fornuti lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija timmanifattura t-tajers KAMA NU402, li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr li jgħorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022
95.	PJSC Nizhnekamskshina (Bir-Russu: ПАО "Нижнекамскшина")	Indirizz: 423570, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk, Russia Telefon: +8 555 49-79-30, fax: + 8 555 24-15-70 Sit web: https://shinakama.tatneft.ru Indirizz elettroniku: nksh@tatneft.ru Entitajiet assoċjati: Tatneft Trading House KAMA Management Company Tatneft-Neftekhim Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant	Nizhnekamskshina hija l-manifattur tat-tajers ewlieni tar-Russja. Hija kumpannija subordinata ta' Tatneft. Hija tipproduċi tajers taħt id-ditti KAMA u Viatti. Il-prodotti tagħha jinkludu tajers b'użu doppju u militari fornuti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Hija timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi K4386 Typhoon-VDV matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
96.	LLC TD KAMA (Bir-Russu: ООО ТД „КАМА”)	Indirizz: 423570, Russia, Republic of Tatarstan, Nizhnekamsk, Territoriya Promzona, AIK-24, room 402 Telefon: +7 (8555) 24-10-00, 24-10-10 Sit web: https://www.td-kama.com Indirizz elettroniku: info@td-kama.com	TD KAMA hija distributur ġenerali tal-prodotti kummerċjali tat-tajers ta' Tatneft, li jiġu mmanifatturi minn Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant u Nizhnekamskshina. Hija tforni tajers lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u lill-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Il-prodotti ta' Nizhnekamskshina, li TD KAMA tiddistribwixxi, jinkludu tajers b'użu doppju u militari forniti lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Nizhnekamskshina timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-prodotti ta' Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant, li TD KAMA tiddistribwixxi, jinkludu t-tajers KAMA NU402 li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr li jgħorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon-VDV, vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022
97.	OJSC Balashikha Casting and Mechanical Plant (Bir-Russu: ОАО Балашихинский литейно-механический завод) magħrufa wkoll bħala OJSC BLMZ (Bir-Russu: ОАО БЛМЗ)	Indirizz: Entuziastov sh., 4, Balashikha, Moskovskaya oblast, 143900, Russian Federation Telefon: + 7 (495) 639-94-94 Sit web: https://www.blmz.ru Indirizz elettroniku: info@blmz.ru	BLMZ hija impjant Russu tal-ikkastjar u mekkaniku. Hija tforni materjali li jintużaw għall-produzzjoni tal-armi lill-fornituri Russi ta' tagħmir militari li ġew issanzjonati mill-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li ddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Hija fornitur ikkuntrattat tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Hija tipprovdi tagħmir u materjali għal-produzzjoni ta' diversi inġenji tal-ajru u elikopters, inkluż Ka-52 li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, hija tappoġġa materjalment u tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
98.	JSC REMDIZEL (Bir-Russu: АО "Ремдизель")	Indirizz: 423800 , Republic of Tatarstan , Naberezhnye Chelny , Menzelinsky tract, 40, Russia Telefon: +7 (8552) 55-15-88 / 7 (8552) 30-80-00 Sit web: http://www.remdizel.com Indirizz elettroniku: remdizel@kamaz.ru Entitajiet assoċjati: KAMAZ	Remdizel tipproduċi u ssewwi vetturi bir-roti u biċ-ċineg. Hija timmanifattura l-vetturi K-63968 reżistenti għall-mini u li jipproteġu kontra ambuskati, li ntużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
99.	JSC SUKHOI Company (Bir-Russu: ПАО Компания „Сухой“)	Indirizz: 125284, Russia, Moscow, st. Polikarpova, 23B, PO box 604 Telefon: + 7 (499) 550-01-06 Sit web: https://www.sukhoi.org Indirizz elettroniku: info@sukhoi.org Entitajiet assoċjati: United Aircraft Corporation (kumpannija omm)	Sukhoi hija manifattur Russu tal-inġenji tal-ajru. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa operaw inġenji tal-ajru tal-ġlied manifatturati minn Sukhoi matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	3.6.2022
100.	JSC "121 AIRCRAFT REPAIR PLANT" (Bir-Russu: Акционерное общество „121 авиационный ремонтный завод“)	Indirizz: Russia, 143079, Moscow region, Odintsovo, Stary Gorodok, st. Postal, 10 Telefon: + 7(498) 677-95-11 Sit web: https://121arz.ru Indirizz elettroniku: info@121arz.ru	121 Aircraft Repair Plant issewwi l-inġenji tal-ajru Su-25, Su-27 u MiG-29. Hija l-unika intrapriża fir-Russja li simultanament issewwi u taġġorna l-inġenji tal-ajru Su-25 għall-verżjoni Su-25 SM. L-inġenji tal-ajru Su-25 SM intużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzjarjament azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija tappoġġa wkoll, materjalment jew finanzjarjament, jew tibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
101.	National Settlement Depository (NSD) (Bir-Russu: Национальный расчетный депозитарий)	Indirizz: Spartakovskaya street 12, 105066, Moska, il-Federazzjoni Russa Tip ta' entità: kumpanija b'ishma konġunti li hija istituzzjoni ta' kreditu mhux bankarja Data tar-reġistrazzjoni: 27.6.1996 Numru tar-reġistrazzjoni Statali: 3294 Reġistrazzjoni Primarja tal-Istat Nru. 1027739132563 Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 7702165310 / 770101001 Post prinċipali tan-negozju: Il-Federazzjoni Russa Entitajiet assoċjati: azzjonist maġġoritarju/kumpanija omm b'99.997 % (mhux elenkati individwalment): Kumpanija Pubblika b'Ishma Konġunti «Moscow Exchange MICEX-RTS» (Borża ta' Moska jew MOEX) Indirizz reġistrat: 13, Bolshoy Kislovsky per, 125009 Moska, il-Federazzjoni Russa Identifikazzjoni tal-Kontribwent Nru 7702077840 Reġistrazzjoni Primarja tal-Istat Nru 1027739387411	NSD hija istituzzjoni finanzjarja mhux bankarja Russa u depożitorju ċentrali ta' titoli tar-Russja. Hija l-akbar depożitorju ta' titoli fir-Russja skont il-valur tas-suq tat-titoli ta' ekwità u ta' dejn miżmuma f'kustodja u l-unika waħda li għandha aċċess għas-sistema finanzjarja internazzjonali. Hija rikonoxxuta bħala istituzzjoni finanzjarja Russa sistemikament importanti mill-Gvern u l-Bank Ċentrali tar-Russja. Hija għandha rwol essenzjali fil-funzjonament tas-sistema finanzjarja tar-Russja u l-konnessjoni tagħha mas-sistema finanzjarja internazzjonali, u b'hekk tiffaċilita direttament u indirettament lill-Gvern Russu fl-attivitajiet, il-politiki u r-riżorsi tiegħu. Hija kważi kompletament proprjetà tal-Borża ta' Moska, li l-missjoni tagħha hija li tipprovdi aċċess eżawrjenti għas-swieq finanzjarji Russi. Min-naħa l-oħra, Moscow Exchange, permezz tar-rwol u l-azzjonisti tagħha, hija taħt livell għoli ta' kontroll mill-Gvern Russu. Għalhekk NSD hija entità jew korp li jappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022".